**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1149/2018 MS*

**FF Limited**

**Vs.**

1. **Projects Malta Limited**
2. **Awtorità għat-Trasport f’Malta**[1]
3. **Awtorità tal-Artijiet**

Illum, 16 ta’ Mejju 2025

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fis-16 ta’ Novembru 2018, li permezz tiegħu, wara li ippremettiet dan li ġej:

[1] Korrezzjoni ordnata b’dikriet tat-12 ta’ Mejju 2023 (fol.299), billi isem din il-konvenuta kien oriġinarjament jaqra «Transport Malta».

Illi l-kumpanija rikorrenti hija sid tal-art li tinsab fi Triq Barthelemy kantuniera ma' Triq iż-Żejtun ġewwa Marsaxlokk indikata bl-aħmar u bil-blu fil-pjanta hawn annessa bħala Dok.A;

Illi parti minn din l-art, u ċioe' dik indikata bil-blu fil-pjanta annessa hija indikata bħala triq fil-pjan lokali għal dawk l-inħawi;

Illi fuq domanda speċifika tar-rikorrenti, f'Mejju tas-sena 2017, kemm uffiċjali tal-intimata Projects Malta Limited kif ukoll rappreżentanti mill-Uffiċju tal-Prim'Ministru, iddikjaraw li "The works which are being proposed are not planned to impinge on the site intended for development by your good self", kif ukoll li "the works to be carried out shall not impinge on the wall shaded in blue and that the same wall shall not be touched during the implementation", u dan kif jirriżulta minn korrispondenza u skambju ta' emails hawn annessi bħala Dok B u Dok C;

Illi ġie dikjarat ukoll li x-xogħolijiet proposti ġew fdati mill-Ministeru kkonċernat f'idejn l-intimata Transport Malta;

Illi f'Ottubru tas-sena 2017, il-kumpanija rikorrenti saret taf li ġiet esproprjata biċċa art ħdejn dik li tappartjeni lilha peress illi dik l-art hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skond l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573), u ċioe' 'għall-formazzjoni ta' Triq Barthelemy", kif jirriżulta mill-kopja tal-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Ottubru 2017 hawn annessa bħala Dok D;

Illi l-kumpannija rikorrenti, bħala sid tal-art, riedet tkun taf jekk l-art jew parti minnha hijiex meħtieġa għal skop pubbliku, senjatament għall-formazzjoni ta' Triq Bathelemey ġewwa Marsaxlokk għaliex din l-informazzjoni timpinġi kemm fuq il-pjanijiet tar-rikorrenti għall-iżvilupp tal-istess art kif ukoll fuq il-kumpens li l-istess rikorrenti jkollha dritt għalih jekk tittieħed id-deċizjoni li l-art tagħha tiġi esproprjata;

Illi għal dan il-għan, ir-rikorrenti ippreżentat protest ġudizzjarju kontra l-intimati datat 27 ta' Marzu 2018 (Dok E) li permezz tiegħu hija talbet lill-intimati jew min minnhom sabiex jiddikjaraw b'mod ċar u inekwivoku jekk il-parti tal-art li tinsab fi Triq Barthelemy fuq deskritta hijiex meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għall-iskop pubbliku tal-formazzjoni ta' Triq Barthelemy u jekk humiex ser isiru xogħolijiet fuq l-istess art, filwaqt li żżammet lill-intimati jew min minnhom responsabbli għal kwalunkwe danni li għad tista' ssofri r-rikorrenti f'każ li ma ssirx din id-dikjarazzjoni, u poġġiethom f'dolo, colpa u mora għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;

Illi b'risposta għall-protest ġudizzjarju, il-kumpanija rikorrenti irċeviet żewġ ittri datati 17 ta' Mejju 2018 mibgħuta għan-nom tal-intimati Projects Malta Limited u

Transport Malta (hawn annessi bħala Dok F u G) li permezz tagħhom, l-intimati wieġbu, *inter alia*, li huma ma kellhomx ħsieb jikkostitwixxu t-triq in kwistjoni u jesproprjaw l-art tar-rikorrenti "sakemm ma jintlaħaqx ftehim bejn il-partijiet kollha involuti fis-sens li intom bħala proprjetarji tal-art tirrinunzjaw għall-jedd tagħkom għall-kumpens filwaqt li l-Awtorita' tal-Ippjanar tirrinunzja għall-jedd tagħha li titħallas parti mil-kontribuzzjoni għall-formazzjoni tat-triq...";

Illi l-kontenut ta' dawn l-ittri jikkostitwixxi egħmil amministrattiv għaliex huma deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet pubbliċi ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u jikkostitwixxu abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika li jmorru kontra l-liġi ai termini tal-artikoli 469A (1) (b) (iii) u (iv);

Illi d-deċizjonijiet huma irraġonevoli stante li huma intiżi biex il-kumpanija rikorrenti tiġi mċaħħda mid-drittijiet legali tagħha, kemm taħt il-liġi ordinarja kif ukoll taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta, li tipproteġi d-dritt għall-ħlas ta' kumpens xieraq f'każ li jittieħed pussess b'mod obbligatorju ta' proprjetà ta' kull xorta li tkun, jew f'każ li jinkiseb b'mod obbligatorju kwalunkwe interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun, kif ukoll taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li għandha saħħa legali f' Malta permezz tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi d-deċiżjonijiet kontenuti fl-ittri fuq imsemmija huma irraġonevoli u huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti wkoll għaliex il-kontribuzzjoni għall-formazzjoni tat-triq diġà tħallset u lanqas huwa minnu li l-valur ġust tal-art huwa ferm inqas mill-valur tas-suq tal-art, tant li l-viċin tar-rikorrenti ingħata kumpens ferm ogħla mill-kontribuzzjoni għall-formazzjoni tat-triq;

Illi għalhekk l-egħmil in kwistjoni huwa wkoll diskriminatorju għaliex il-kumpanija rikorrenti qiegħda tiġi trattata b'mod sproporzjonalment differenti minn persuni oħra li qiegħdin fl-istess posizzjoni tagħha, u dan mingħajr raġuni ġustifikabbli;

Illi, in vista tas-suespost, id-deċizjonijiet tal-intimati kontenuti fiż-żewġ ittri fuq imsemmija huma nulli, invalidi u/jew mingħajr effett fil-liġi għaliex jikkostitwixxu egħmil aministrattiv li huwa *ultra vires* għat-tenur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Illi d-deċizjonijiet tal-intimati kontenuti fiż-żewġ ittri fuq imsemmija qiegħdin jikkawżaw danni inġenti lir-rikorrenti għaliex qiegħda f'posizzjoni fejn ma tafx xi drittijiet għandha fuq il-proprjetà tagħha stess u x'ser isir minn din il-proprjetà, għal liema danni huma responsabbli l-intimati jew min minnhom;

l-attriċi għaddiet biex titlob, għar-raġunijiet minnha premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra xierqa u opportuna, lil din il-Qorti jogħġobha:

> 1. Tiddikjara d-deċizjoni tal-kumpanija intimata Projects Malta Limited li tirriżulta mill-ittra tagħha datata 17 ta' Mejju 2018 u d-deċiżjoni ta' Transport Malta li tirriżulta mill-ittra tagħha tas-17 ta' Mejju 2018 nulli, invalidi u / jew mingħajr effett għat-tenur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) peress illi l-istess deċiżjonijiet jikkostitwixxu egħmil amministrattiv li huwa *ultra vires* ai termini tal-artikolu 469A (1) (b);
>
> 2. Tordna lill-awtoritajiet intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jiddikjaraw b'mod ċar u inekwivoku jekk il-parti tal-art li tinsab fi Triq Barthelemy kantuniera ma Triq iż-Żejtun ġewwa Marsaxlokk appartenenti lill-kumpanija rikorrenti u li hija indikata bil-blu fil-pjanta annessa bħala Dok A hijiex meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għall-iskop pubbliku tal-formazzjoni tat-Triq Barthelemy u jekk humiex ser isiru xogħolijiet fuq l-istess art.
>
> 3. Tiddikjara li b'konsegwenza tad-deċizjonijiet meħuda mill-intimati l-kumpanija rikorrenti qiegħda issofri danni;
>
> 4. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal dawn id-danni;
>
> 5. Tillikwida d-danni li l-kumpanija rikorrenti qiegħda ssofri, okkorrendi bil-ħatra ta' periti nominandi;
>
> 6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-kumpanija rikorrenti d-danni hekk likwidati.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom, li huma minn issa nġunti biex jidhru in subizzjoni u b'rizerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-kumpanija rikorrenti.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta Projects Malta Limited fid-9 ta' Jannar 2019, li permezz tagħha ġie eċċepit dan li ġej:

> 1. Preliminarjament, il-korrispondenza attakkata mis-socjeta` attrici ma taqax taht it-tifsira ta' "*eghmil amministrattiv*" kif mifhum bil-ligi u ghalhekk l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ma tghoddx ghall-kaz odjern.
>
> 2. Preliminarjament ukoll, u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u jekk fl-ghar ipotezi l-korrisspondenza attakkata titqies li hija fil-fatt "*eghmil amministrattiv*", l-

azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li – anke kif koncess mis-socjeta` attrici stess fir-rikors mahluf promotur - is-socjeta` attrici kienet ilha mit-23 ta' Mejju 2017 mgharrfa b'mod car, inekwivoku u kategoriku illi l-art mertu tal-kawza mhijiex mehtiega ghall-iskop pubbliku tal-formazzjoni tat-Triq Barthelemy, u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza mibghuta minn rapprezentanet tal-Ufficju tal-Prim Ministru gja ezebita u annessa bhala **Dok C** mar-rikors guramentat promotur.

3. In linja preliminari wkoll, is-socjeta` eccipjenti mhijiex il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici billi hija m'ghandhiex is-setgha la taghmel dikjarazzjonijiet li xi art hija mehtiega ghal skop pubbliku u lanqas li tesegwixxi l-esproprjazzjoni innifisha – dawn huma funzjonijiet u setghat mwetqa esklussivament mill-Awtorita` tal-Artijiet skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta. L-irwol tal-esponenti huwa limitat biss ghall-implimentazzjoni u l-esekuzzjoni tal-formazzjoni tat-triq in kwistjoni fuq struzzjonijiet tal-istess Awtorita` tal-Artijiet, u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu, it-talbiet attrici mhumiex misthoqqa ghaliex ma sar xejn li b'xi mod jehtieg l-istharrig ta' din il-Qorti.

5. Illi ma hemm xejn irragonevoli, irregolari jew *ultra vires* fl-ghazla tal-Istat Malti li ma jesproprjax l-art in kwistjoni billi tali decizjoni hija wahda diskrezzjonali u hija esklussivament prerogattiva tal-Istat Malti u l-ebda persuna, kumpanija jew entita` ma ghandha s-setgha ggieghel lill-Istat Malti jespropja xi art privata kif donna qed tippretendi s-socjeta` attrici.

6. Illi in oltre`, ma get ezercitata ebda diskriminazzjoni billi ma jissostistix xenarju fejn persuni f'sitwazzjonijiet simili qed jigu jew gew trattati b'mod differenti minghajr gustifikazzjoni ragjonevoli.

7. Illi b'zieda mal-premess, l-Istat Malti ma jistghax jintrabat b'mod perpetwu kif donna qed tippretendi s-socjeta` attrici permezz tat-tieni talba taghha, billi l-htiega ta' art privata ghal skop pubbliku tista` tqum fil-futur hekk kif jinbidlu l-ezigenzi nazzjonali.

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jissostistux l-elementi mehtiega mil-ligi ghall-hlas tad-danni, u f'kull kaz is-socjeta` attrici ghandha tressaq l-aqwa prova ghad-danni allegatament subiti.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat ir-risposta maħlufa mressqa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fl-14 ta' Jannar 2019[2], li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

> 1. Preliminarjament, u skont l-Artikoli tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l- Awtorita' intimata għandu jaqra "l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta" u għalhekk 1- Awtorita' intimata qieghda tipprezenta din ir-risposta bhala "l-Awtorita' ghat- Trasport f'Malta".
>
> 2. In linja preliminari wkoll, il-korrispondenza attakkata mis-socjeta` attrici ma taqax taht it-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" kif mifhum bil-ligi u għalhekk l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ma tgħoddx ghall-kaz odjern.
>
> 3. Preliminarjament ukoll, u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u jekk fl-ghar ipotezi l-korrisspondenza attakkata titqies li hija fil-fatt "eghmil amministrattiv", l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li anke kif koncess mis-socjeta' attrici stess fir-rikors mahluf promotur - is-socjeta' attrici kienet ilha mit-23 ta' Mejju 2017 mgharrfa b'mod car, inekwivoku u kategoriku illi l-art mertu tal-kawza mhijiex mehtiega ghall-iskop pubbliku tal-formazzjoni tat-Triq Barthelemy, dan kif jirrizulta mill- korrispondenza mibghuta minn rapprezentanet tal-Uffiċju tal-Prim Ministru gja ezebita u annessa bhala Dok C mar-rikors guramentat promotur.
>
> 4. In linja preliminari wkoll, l-Awtorita' eccipjenti mhijiex il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici billi hija m'għandhiex is-setgha la taghmel dikjarazzjonijiet li xi art hija mehtiega ghal skop pubbliku u lanqas li tesegwixxi l-esproprjazzjoni innifisha - dawn huma funzjonijiet u setghat mwetqa esklussivament mill- Awtorita' tal-Artijiet skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta. L-irwol tal-esponenti huwa limitat biss ghall-implimentazzjoni u l-esekuzzjoni tal-formazzjoni tat-triq in kwistjoni fuq struzzjonijiet tal-istess Awtorita' tal-Artijiet, u konsegwentement għandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> 5. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu, it-talbiet attrici mhumiex misthoqqa ghaliex ma sar xejn li b'xi mod jehtieg l-istharrig ta' din il-Qorti.
>
> 6. Illi ma hemm xejn irragonevoli, irregolari jew ultra vires fl-ghazla tal-Istat Malti li ma jesproprjax l-art in kwistjoni billi tali decizjoni hija wahda diskrezzjonali u hija esklussivament prerogattiva tal-Istat Malti u l-ebda persuna, kumpanija jew entita' ma ghandha s-setgha

[2] Fol.41.

ggieghel lill-Istat Malti jespropja xi art privata kif donna qed tippretendi s-socjeta' attrici.

7. Illi in oltre, ma get ezercitata ebda diskriminazzjoni billi ma jissostistix xenarju fejn persuni f'sitwazzjonijiet simili qed jigu jew gew trattati b'mod differenti minghajr gustifikazzjoni ragionevoli.

8. Illi b'zieda mal-premess, l-Istat Malti ma jistgħax jintrabat b'mod perpetwu kif donna qed tippretendi s-socjeta' attrici permezz tat-tieni talba tagħha, billi l-htiega ta' art privata ghal skop pubbliku tista' tqum fil-futur hekk kif jinbidlu l-ezigenzi nazzjonali.

9. Illi minghajr pregudizzju għall-premess, ma jissostistux l-elementi mehtiega mil- ligi ghall-hlas tad-danni, u f'kull kaz is-socjeta' attrici ghandha tressaq l-aqwa prova ghad-danni allegatament subiti.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Rat ukoll ir-risposta maħlufa mressqa fl-24 ta' Jannar 2019 mill-Awtorità tal-Artijiet[3], li biha ġie eċċepit kif ġej:

1. Illi preliminarjament l-esponenti Awtorita' trid tinheles mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kif jirrizulta ampjament mir-rikors guramentat l-Awtorita' ma kienet involuta bl-ebda mod fid-diskussjoni jew allegat decizzjoni lamentata. Bhala fatt l-Awtorita' fl-ebda hin ma kienet involuta f' xi diskussjoni jew allegata decizzjoni u *ex lege* l-Awtorita' eccipjenti ma tistax tesproprija *sua sponte* art privata u dan peress li tista' tibda biss process ta' esproprju fuq talba espressa ta' awtorita' kompetenti ohra izda mhux minn rajha;

2. Illi din il-kawza tfalli, partikolarment l-ewwel talba, fil-konfront ta' l-Awtorita' esponenti peress illi kif indikat mill-attur stess l-Awtorita' eccipjenti ma hadet ebda decizjoni. Isegwi illi ghalhekk ma hemm xejn x' jigi mistharreg fil-konfront taghha ai termini ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12;

3. Illi t-tieni talba tfalli wkoll fil-konfront ta' l-Awtorita' eccipjenti peress illi l-Awtorita' eccipjenti bl-applikazzjoni tal-Kap. 573 ma hix legalment kompetenti tidhol fuq progetti bhal dawn (ara funzjoni ta' l-Awtorita' ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap. 573). Isegwi illi legalment l-Awtorita' hija prekluza milli taghmel id-dikjarazzjoni mitluba fit-tieni talba;

4. It-tielet sas-sitt talbiet attrici ifallu fil-konfront ta' l-Awtorita' eccipjenti peress illi l-Awtorita' ma hadet ebda

[3] Fol.47.

decizzjoni u hija prekluza legalment milli tippartecipa fil-progett imsemmi mill-atturi. Isegwi illi l-Awtorita' eccipjenti ma rekat u ma setghat tirreka qatt danni lill-atturi;

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu kollha michuda;

6. Illi l-atturi imkien ma jsemmu fil-premessi taghhom, jew jaddebitaw xi ghemiel skorret jew dannuz, allegat maghmul mill-Awtorita' eccipjenti, u ghalhekk din il-kawza hija kemm frivola u vessatorja fil-konfront ta' l-Awtorita' eccipjenti;

7. Illi f' kull kaz il-premessi u talbiet attrici huma infondati fil-fatti u fid-dritt;

8. Illi in vista tas-suespost, l-ispejjez legali u gudizzjarji inkorsi mill-Awtorita' eccipjenti f' din il-kawza ghandhom jigu supportati mill-atturi;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjez.

5. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri preżentata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fit-8 t'Ottubru 2019[4], li biha eċċepiet ulterjorment illi «…*mhijiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju billi bis-saħħa tal-Kapitolu 588 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Avviż Legali 309 tal-2018, fl-4 ta' Settembru 2018 il-funzjonijiet tal-ippjanar, l-amministrazzjoni, l-ipprogrammar, l-iddisinjar u l-kostruzzjoni tat-toroq kif oriġinarjament vestiti fl-Awtorità ġew trasferiti lill-Aġenzija għal Infrastruttura Malta*»;

6. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

7. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

8. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

[4] Fol.101.

9. Illi din hija azzjoni għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. L-attriċi tgħid li l-konvenuti Awtorità għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem «ATM») u Projects Malta Limited (minn issa 'l quddiem «PML») ħadu deċiżjoni amministrattiva fil-konfront tagħha li għandha tiġi dikjarata *ultra vires* skont l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

10. Il-konvenuti laqgħu b'għadd t'eċċezzjonijiet għat-talbiet tal-attriċi, fosthom li ma seħħ ebda għemil amministrattiv kif ukoll li l-azzjoni f'kull każ hija perenta. L-Awtorità tal-Artijiet tgħid ukoll li hija għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

11. Il-fatti rilevanti huma dawn.

12. L-attriċi hija sid[5] ta' żewġ porzjonijiet t'art fi Triq Barthelemy kantuniera ma' Triq iż-Żejtun f'Marsaxlokk[6], u ċjoè porzjoni waħda tal-kejl ta' madwar mitejn wieħed u tmenin punt sitta metri kwadri (281.6 m.k.)[7], u oħra adjaċenti tal-kejl ta' madwar mija sebgħa u sebgħin punt tnejn metri kwadri (177.2 m.k.)[8]. Jidher illi l-attriċi kisbet permess bin-numru PA/01836/16[9] dwar din il-proprjetà tagħha[10], u qabel dan il-permess, kienet applikat darb'oħra permezz tal-applikazzjoni bin-numru PA/01346/10, iżda din l-applikazzjoni waqgħet minħabba li ma tħallasx il-kont tal-Awtorità tal-Ippjanar[11]. B'rabta mal-permess bin-numru PA/01836/16, l-attriċi ħallset kontribuzzjoni għat-triq fis-somma ta' €1,728.90[12]. Il-permess tal-bini ħareġ fil-15 ta' Frar 2017, u ġie eventwalment modifikat permezz tal-permess bin-numru PA/05058/17[13]. Fil-mori tal-kawża inħareġ permess ieħor bin-numru PA/05235/21[14]. Il-kontribuzzjoni tat-triq titħallas sabiex tagħmel tajjeb għall-asfaltar tal-parti li se ssir triq, filwaqt li l-applikant għall-permess

---

[5] Jirriżulta li l-attriċi kisbet it-titolu tagħha b'kuntratt riċevut min-Nutar Clyde La Rosa fit-23 t'April 2009, a fol.128.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Michael Fenech, a fol.54.
[7] Murija bl-aħmar fuq il-pjanta a fol.9.
[8] Murija bl-ikħal fuq il-pjanta a fol.9.
[9] Fol.197-204.
[10] Fol.65-67.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Perit Ian Cutajar, a fol.84.
[12] Ara fol.88.
[13] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Perit Ian Cutajar, a fol.84.
[14] Fol.483.

huwa wkoll tenut li jħallas kontribuzzjoni oħra għas-servizzi li jridu jiġu mgħoddija fil-parti tal-proprjetà li hija maħsuba għall-formazzjoni tat-triq[15]. L-asfaltar u s-servizzi b'hekk isiru mill-awtorità pubblika, filwaqt li l-privat huwa mistenni li jwitti bit-torba[16].

13. Il-porzjon art tal-kejl ta' 177.2 m.k. tinsab indikata fil-pjan lokali bħala intiża għall-formazzjoni tat-triq[17]. It-triq hija skemata b'wisa' ta' 10.36 metri[18]. Fil-mori ta' din il-kawża, tressqet applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar minn Michael Fenech dwar il-linja tat-triq, bin-numru PC/42/2023, fejn qed jiġi propost li l-linja tat-triq tinbidel b'mod li l-ebda parti mill-proprjetà tal-attriċi ma tibqa' skemata għall-formazzjoni tat-triq[19]. ATM qed toġġezzjona għal din l-applikazzjoni[20].

14. Fix-xiehda tiegħu, Michael Fenech – li huwa direttur tal-attriċi – jgħid hekk:

> Eventwalment f'Mejju 1995, l-Awtorità tal-Ippjanar ippubblikat il-*Marsaxlokk Bay Local Plan*, li kien approvat mill-istess awtorità, fl-20 ta' Jannar 1995. F'dan il-pjan lokali, parti mill-proprjetà hawn fuq riferita, kienet ġiet indikata bħala triq. Il-parti indikata bħala triq hija indikata bil-blu … … Il-parti tal-proprjetà li ġiet indikata għal triq u ċioè sabiex eventwalment tkun esproprjata mill-Gvern u/jew l-awtoritajiet rispettivi, hija ta' ċirka mija u sebgħa u sebgħin punt tnejn (177.2) metri kwadri.[21]

15. Peress li f'Novembru 2016, l-attriċi tgħid li kienet mitkellma mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk b'rabta mal-proġett ta' riġenerazzjoni f'Marsaxlokk dwar it-teħid tal-proprjetà tagħha għall-formazzjoni tat-triq[22], saru xi diskussjonijiet. F'dawn id-diskussjonijiet, l-attriċi kienet intalbet li tirrinunzja għall-kumpens li jista' jkun dovut lilha b'konsegwenza tal-esproprjazzjoni[23]. Din it-talba ma ġietx milqugħa mill-attriċi, li tgħid li kienet taf bi proprjetajiet viċin tagħha li wkoll kienu ġew esproprjati versu kumpens. F'diskussjonijiet ulterjuri li saru, l-attriċi kienet

[15] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Perit Ian Cutajar, a fol.182-183.
[16] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Perit Ian Cutajar, a fol.192.
[17] Ara fol.87, kif ukoll fol.227-228.
[18] Ara x-xiehda ta' Ian Galea, a fol.423.
[19] Ara x-xiehda tal-Perit Ian Cutajar, a fol.662.
[20] Ara x-xiehda tal-Perit Lara Demicoli, a fol.689.
[21] Fol.54.
[22] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Michael Fenech, a fol.100A.
[23] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Michael Fenech, a fol.54.

infurmata li la darba hija kienet kisbet permess ta' żvilupp fuq is-sit, ma kienet se ssir l-ebda esproprjazzjoni[24], iżda l-awtoritajiet kienu se jistennew lill-attriċi tiżviluppa l-proprjetà tagħha biex b'hekk tifforma t-triq fuq il-proprjetà tagħha hi stess[25].

16. Kien għalhekk li, b'ittra tal-11 ta' Mejju 2017[26], l-attriċi kitbet lil PML biex tgħarrafha li għalkemm ma kinitx se twettaq l-iżvilupp approvat tagħha minħabba li kellha proġetti oħrajn fuq x'hiex taħdem, hija kienet qed tirriżerva d-dritt tagħha għal kumpens adekwat b'rabta ma' dik il-proprjetà tagħha li kienet se tiġi esproprjata għall-formazzjoni tat-triq. Din l-ittra xprunat skambju ta' ittri elettroniċi bejn l-attriċi u PML[27], mnejn jirriżulta illi l-attriċi ġiet infurmata li x-xogħlijiet li kellhom isiru minn PML ma kienux sejrin jimpinġu fuq il-proprjetà tal-attriċi u ebda esproprjazzjoni ma kienet se ssir.

17. Fil-kors tal-kawża ġie spjegat li ATM kienet qatgħetha li ma tesproprjax l-art tal-attriċi, u li t-triq in kwistjoni tinfetaħ b'karreġġjata waħda[28]. Ingħad li għalkemm l-esproprjazzjoni ssir formalment mill-Awtorità tal-Artijiet, sikwit din titmexxa fuq talba ta' xi entità pubblika oħra li jkollha skop pubbliku għat-teħid mitlub[29]. Fil-każ tat-triq meritu tal-kawża, saret talba minn ATM għall-esproprjazzjoni ta' porzjonijiet t'art għall-ftuħ tat-triq[30].

18. Imbagħad fid-19 t'Ottubru 2017, ġie pubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li permezz tiegħi tħabbar li «*Biċċa art tal-kejl ta' madwar 174 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri*» kienet qed tiġi akkwistata «*għall-formazzjoni ta' Triq Barthelemy*», u l-kumpens offrut kien dak ta' €87,000[31]. Din l-art hija viċin dik li tappartjeni lill-attriċi[32], u jidher li anki fuqha

---

[24] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Michael Fenech, a tergo ta' fol.100B.
[25] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Michael Fenech, a fol.55.
[26] Fol.10.
[27] Fol.11-16.
[28] Ara x-xiehda ta' Dolan Debattista, a fol.285-286.
[29] Ara x-xiehda ta' Dr. Marisa Grech, a fol.414.
[30] Fol.416-418.
[31] Fol.18-26.
[32] Ara wkoll ix-xiehda in kontro-eżami tal-Perit Ian Cutajar, a fol.192.

kien hemm permessi ta' żvilupp[33]. L-esproprjazzjoni ġiet konkluża b'kuntratt pubbliku magħmul fl-atti tan-Nutar Diana Galea fl-20 ta' Frar 2020[34]. Irriżulta wkoll li art oħra fil-viċinanzi kienet esproprjata permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Jannar 2014[35].

19. Bi protest ġudizzjarju bin-numru 108/2018 u mressaq fis-27 ta' Marzu 2018[36], l-attriċi sejħet lill-konvenuti sabiex dawn jiddikjaraw jekk l-art tagħha wkoll kinitx meħtieġa għall-formazzjoni ta' din it-triq, billi sostniet illi «*huwa ċar li sabiex titkompla l-istess triq biex tkun tista' tinfed għat-triq prinċipali Triq iż-Żejtun, il-Gvern ser ikollu jakkwista wkoll parti mill-art tal-protestanta*».

20. B'ittri tas-17 ta' Mejju 2018[37], PML u TM wieġbu lill-attriċi billi nfurmawha li l-art tal-kejl ta' 177.2 m.k. u li tappartjeni lill-attriċi hija skedata fil-pjan lokali bħala triq, u konsegwentement huma «*ma għandhiex ħsieb li tikkostruwixxi t-triq in kwistjoni u tesproprja l-art tagħkom sakemm ma jintlaħaqx ftehim bejn il-partijiet kollha involuti fis-sens li intom bħala proprjetarji tal-art tirrinunzjaw għall-jedd tagħkom għall-kumpens filwaqt li l-Awtorità tal-Ippjanar tirrinunzja għall-jedd tagħha li titħallas parti mill-kontribuzzjoni għall-formazzjoni tat-triq, speċifikatament il-parti tal-kontribuzzjoni li tirrappreżenta l-valur tal-art meħtieġa ai termini tal-Liġi Sussidjarja 499.57*».

21. Huma dawn iż-żewġ ittri li l-attriċi ssejjaħ deċiżjonijiet u li huma impunjati b'din l-azzjoni.

Ikkunsidrat:

22. Illi kif diġà ingħad, l-azzjoni dedotta mill-attriċi hija dik ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. Fid-dawl tal-azzjoni kif ukoll tal-eċċezzjonijiet ta' wħud mill-konvenuti, huwa neċessarju li qabel xejn jiġi ċċarat u deċiż jekk hux tassew li seħħ «għemil amministrattiv» kif issostni l-attriċi.

---

[33] Fol.306-342. 343400
[34] Fol.404.
[35] Fol.408.
[36] Fol.27-30.
[37] Fol.31-32.

23. Dan hu hekk għaliex dak li dwaru trid tiddeċiedi din il-Qorti huwa biss fil-parametri ta' dak li jippermetti l-istħarriġ ġudizzjarju. Il-Qorti m'hijiex għalhekk imsejħa biex tiddeċiedi dwar prinċipji ta' esproprjazzjoni u meta u kif għandhom jiġu esproprjati proprjetajiet privati għall-iskop tal-formazzjoni ta' toroq pubbliċi. Huwa sewwa miżmum li fi proċeduri quddiem il-Qrati Superjuri, id-deċiżjoni trid tinżamm fil-konfini tal-kawżali u tat-talbiet dedotti mill-attur, u fid-dawl ta' dak il-prinċipju, din il-Qorti għandha biss tiddeċiedi (i) kienx hemm għemil amministrattiv fis-sensi tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' proċedura, u (ii) jekk dak l-għemil amministrattiv, kemm-il darba seħħ, kienx *ultra vires* kif imfisser fl-istess dispożizzjoni.

24. L-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li għemil amministrattiv:

> …tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:
> Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira

25. Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Joseph Galea vs. Kmandant tat-Task Force et*** (Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 1998)[38]:

> …għemil amministrattiv jista' jkun biss sindakabbli mill-Qrati jekk dan ikun jirrigwarda att deċiżjonali ta' awtorità pubblika li jinvolvi l-ħruġ jew ir-rifjut f'dan il-każ, tal-liċenzja mitluba. Jekk l-aġir ikkontestat ma jkunx ta' awtorità li tiddeċidi, il-Qorti ma kellha l-ebda ġurisdizzjoni li tissindika dak l-operat.

26. Rilevanti wkoll dak miżmum fid-deċiżjoni ***Christine Borda vs. Direttur (Taxxi Interni)*** (Prim'Awla, 26 ta' Novembru 2015): «*L-għemil jista' jkun kemm fis-sura*

[38] Kollezz. LXXXII.ii.541.

*ta' deċiżjoni mgħarrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha*».

27. Fil-kuntest tal-esproprjazzjoni ta' art privata fl-interess pubbliku, ġie miżmum b'mod ġenerali li d-deċiżjoni tal-awtorità pubblika li tesproprja hija wkoll soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju (ara per eżempju ***Perit Austin Attard Montalto et vs. Awtorità tal-Artijiet et***, Prim'Awla, 10 t'Ottubru 2019, kif ukoll ***Catherine Ciappara et vs. Inġ. Frederick Azzopardi noe et***, Prim'Awla, 3 ta' Frar 2025). Proprju fil-kuntest ta' esproprjazzjoni ta' art minħabba triq skemata, ingħad ukoll fid-deċiżjoni ***Giovanni Fenech et vs. Kummissarju tal-Artijiet*** (Appell Superjuri, 30 ta' Novembru 2007) li:

> …fil-każ odjern il-Kummissarju ċertament ma kellu l-ebda diskrezzjoni jekk jesproprjax l-art ta' l-atturi appellati jew le, għax id-deċiżjoni li dik l-art tkun tifforma parti minn triq ma tteħditx minnu, u hu kellu l-obbligu legali li jesproprja meta jiġi mitlub mid-dipartiment rilevanti biex jagħmel dan.

28. Issa fil-każ odjern l-ilment tal-attriċi m'huwiex dwar deċiżjoni biex ħwejjiġha jiġu esproprjati, iżda proprju l-kuntrarju. Hija tilmenta li l-konvenuti ma jridux jesproprjaw l-art tagħha.

29. Huwa fatt li s-setgħa sabiex il-Gvern ta' Malta jakkwista proprjetà għal skop pubbliku hija bil-liġi vestita fl-Awtorità tal-Artijiet, b'effett tal-artikolu 7(2)(b) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet[39] u tal-artikolu 36 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern[40]. Ma jidhirx li l-konvenuti ATM u PML għandhom is-setgħa li jesproprjaw l-art privata. Jirriżulta biss li dawn l-entitajiet pubbliċi għandhom il-fakultà li jitolbu huma lill-Awtorità tal-Artijiet twettaq esproprjazzjoni fejn din tkun neċessarja għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet tagħhom. Ingħad ukoll li persuna privata, bħal ma hija l-attriċi, ma tistax tagħmel talba għall-esproprjazzjoni

[39] Kapitolu 563 tal-liġijiet ta' Malta.
[40] Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta.

direttament lill-Awtorità tal-Artijiet, iżda trid tagħmel it-talba lill-enti pubblika oħra, li jekk taċċetta t-talba tal-privat, tgħaddi biex titlob hi l-esproprjazzjoni mingħand l-Awtorità tal-Artijiet[41].

30. Fil-fatt l-attriċi għamlet it-talba tagħha lill-konvenuti ATM u PML, u l-provi juru li dawn iż-żewġ konvenuti irrifjutaw li jagħmlu din it-talba lill-Awtorità tal-Artijiet, u huwa dan ir-rifjut li l-attriċi trid lil din il-Qorti tistħarreġ.

31. Il-Qorti jidhrilha li d-deċiżjoni taż-żewġ konvenuti li ma jilqgħux it-talba tal-attriċi għall-esproprjazzjoni ta' ħwejjiġha hija «għemil amministrattiv» għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kodiċi preċitat, u dan għaliex kull għemil deċiżorju li jittieħed minn awtorità pubblika b'rabta mat-twettiq tal-funzjonijiet amministrattivi tagħha (sakemm mhux espressament eskluża mit-tifsira mħaddna fid-dispożizzjoni ċitata) jikkostitwixxi «għemil amministrattiv» li jista' jiġi mistħarreġ mill-Qrati. Għalhekk deċiżjoni fis-sens li l-esproprjazzjoni tal-proprjetà tal-attriċi ma kinitx meħtieġa fit-twettiq tad-dmirijiet tal-konvenuti ATM u PML hija, fl-essenza tagħha, deċiżjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti tikkostitwixxi «għemil amministrattiv».

32. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, huwa opportun li l-Qorti tgħaddi biex tqis l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti li huma m'humiex leġittimi kontradditturi tat-talbiet attriċi.

33. La darba l-azzjoni hija waħda għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, il-Qorti tqis li huma leġittimi kontradditturi ta' dik l-azzjoni l-entitajiet pubbliċi li wettqu l-għemil amministrattiv impunjat. Dan ifisser li l-Awtorità tal-Artijiet qatt ma kellha tiġi mħarrka f'din il-kawża għaliex hija ma tatx id-deċiżjoni li qed tiġi impunjata. Id-deċiżjoni impunjata ingħatat miż-żewġ konvenuti l-oħrajn.

---

[41] Ara x-xiehda ta' Dr. Marisa Grech, a fol.414.

34. Għall-istess raġuni, il-konvenuti ATM u PML però kellhom jiġu mħarrka f'din il-kawża la darba l-attriċi qed issostni li dawn l-entitajiet taw id-deċiżjoni li qed tkun kontestata.

35. U l-fatt li l-mansjonijiet li b'rabta magħhom il-konvenuta ATM setgħet tat id-deċiżjoni kontestata mill-attriċi ġew trasferiti lil entità oħra ma jbiddel xejn mil-leġittimazzjoni passiva ta' dik il-konvenuta. Hija xorta għandha titqies kontradittur leġittimu f'din il-kawża, billi hija għandha interess li tiddefendi d-deċiżjoni mogħtija minnha f'din il-kawża.

36. Għalhekk it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta PML, kif ukoll ir-raba' eċċezzjoni u l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta ATM se jiġu miċħuda, iżda se tiġi milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità tal-Artijiet.

Ikkunsidrat:

37. Illi jmiss issa li nqisu l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenuta PML u t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuta ATM.

38. Il-Qorti diġà waslet għall-konklużjoni illi «deċiżjoni» li biha l-konvenuti PML u ATM irrifjutaw talba tal-attriċi sabiex ma jitolbux lill-Awtorità tal-Artijiet tesproprja l-proprjetà tagħha tikkostitwixxi «għemil amministrattiv» għall-finijiet tal-artikolu 469A. Il-pass li jmiss huwa li l-Qorti tqis jekk dik id-deċiżjoni itteħditx bl-ittri tas-17 ta' Mejju 2018, kif qed issostni l-attriċi.

39. Eżaminat il-kontenut taż-żewġ ittri tas-17 ta' Mejju 2018, din il-Qorti jkollha tasal għall-konklużjoni li dawn iż-żewġ kitbiet fil-verità ma jikkwalifikawx bħala «deċiżjoni». Fihom jingħad biss (i) li l-art in kwistjoni hija skedata u għalhekk l-attriċi qatt ma kellha aspettattiva leġittima għall-iżvilupp tagħha, u b'hekk il-valur mogħti minnha kienet ritenut eċċessiv, u (ii) li l-mittenti taż-żewġ ittri, u ċjoè PML u ATM, ma kienux beħsiebu jibnu t-triq in kwistjoni jekk qabel ma jintlaħaqx ftehim kif jissemma fl-istess ittri.

40. Il-Qorti jidhrilha li dawn iż-żewġ ittri, li saru mill-avukat ta' PML u ta' ATM bi tweġiba għall-protest ġudizzjarju li kien tressaq mill-attriċi, ma fiha ebda «deċiżjoni», imma fiha biss dikjarazzjoni dwar il-pożizzjoni ta' dawn iż-żewġ awtoritajiet. Ġie deċiż li ittra kontenenti biss informazzjoni ma tikkostitwix «deċiżjoni» għall-finijiet tal-artikolu 469A (ara, per eżempju, ***Jupiter Co. Ltd. Et vs. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***, Appell Superjuri, 3 t'April 2009).

41. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, irriżulta li l-kontenut tal-ittri tas-17 ta' Mejju 2018 ma kinitx id-deċiżjoni proprja, imma kienet biss ittra li kien fiha proposta sabiex tiġi kkunsidrata mill-attriċi. Il-Qorti qiegħda tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-fatt ippruvat li l-konvenuti ATM u PML kienu diġà ħabbru lill-attriċi, xhur qabel, li l-pożizzjoni tagħhom kienet li ma ssir ebda esproprjazzjoni tal-art li tappartjeni lilha.

42. Dan sar permezz tal-iskambju ta' ittri elettroniċi li ntemm fit-23 ta' Mejju 2017[42], kważi sena qabel l-ittra li fiha ġiet imtennija l-pożizzjoni tal-konvenuti li l-art tal-attriċi ma kinitx se tittieħed minnhom għall-formazzjoni tat-triq.

43. Issa ġie diversi drabi miżmum li fejn persuna titlob mill-ġdid lill-awtorità pubblika deċiżjoni dwar xi ħaġa li diġà tkun ingħatat deċiżjoni dwarha, it-talba l-ġdida m'għandhiex l-effett li tnissel mill-ġdid azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. Fid-deċiżjoni ***C. Fenech Clarke Tyres Limited vs. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** (Prim'Awla, 18 ta' Mejju 2017) ġie osservat:

> Illi l-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-awtorita' li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni meħuda tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-artikolu 469A innifsu (fis-sub-inċiż (2) tiegħu) jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi

[42] Fol.11.

> talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali

11. Anki fil-kawża ***Khalil Samir Rezk Gadalla et vs. Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriates et*** (Prim'Awla, 9 ta' Marzu 2011), insibu raġunament li japplika tant'ieħor għall-każ odjern, u ċjoè:

> Fit-tieni lok, għall-finijiet ta' impunjazzjoni ta' għamil amministrativ, id-deċiżjoni jew l-għamil li jkun ma jistax jitqies li ttieħed meta l-parti mġarrba titlob reviżjoni jew ri-konsiderazzjoni, għaliex talba għal reviżjoni jew ri-konsiderazzjoni hija konferma li d-deċiżjoni tkun ittieħdet qabel u mhux stennija ta' xi deċiżjoni li għadha trid tittieħed. Fit-tielet lok, it-tweġiba mibgħuta lill-attur mill-imħarrkin bl-ittra uffiċjali tagħhom tal-24 ta' April, 2009, tenniet li ma kinux sejrin jibdlu d-deċiżjoni li kienet ittieħdet

12. Bl-istess mod, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Malta Towage Limited vs. Id-Direttur tas-Sajd*** (3 t'Ottubru 2017) qieset li minkejja d-diversi tentattivi tal-attriċi li tipperswadi lill-konvenut biex ibiddel id-deċiżjoni tiegħu, iż-żmien tad-dekadenza komminat fl-artikolu 469A(3) jitqies li jibda jiddekorri mill-ewwel deċiżjoni, billi dak iż-żmien ma jistax jiġi mġebbed. Fid-deċiżjoni ***Fairbet Limited et vs. Malta Gaming Authority*** (Prim'Awla, 30 ta' Mejju 2019 u kkonfermata fl-appell fl-4 ta' Mejju 2022), fejn ukoll tqies li kull laqgħa li setgħet saret bejn il-partijiet u talbiet biex deċiżjoni tiġi varjata u rikonsidrata ma jservux biex jinterrompu jew iwaqqfu dan it-terminu ta' dekadenza milli jiddekorri.

13. Anki aktar riċentement il-pożizzjoni ġiet imtennija fid-deċiżjoni ***Falkun Film Productions Ltd vs. Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta et*** (Appell Superjuri, 11 t'April 2024) kif ġej:

> 47. Għandu wkoll jiġi mfakkar, li jekk il-komunikazzjoni li jkun hemm bejn l-awtorità pubblika u l-individwu jkollha l-kwalitajiet tax-xorta li għadhom kif jissemmew, u l-individwu jitlob lill-awtorità pubblika sabiex terġa' taħsibha jew tqis mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha, dik it-talba la tissospendi u wisq anqas twaqqaf il-mogħdija taż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469A(3) (ara ***Anthony Spiteri Paris v.***

> ***Direttur tal-Uffiċju Konġunt***, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Novembru, 2017).
>
> 48. Ingħad għalhekk kemm-il darba mill-Qrati, li jekk l-individwu ma jaqbilx ma' xi deċiżjoni amministrattiva li taqa' fid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv taħt l-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, dak l-individwu għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod lura milli jiftaħ il-kawża u kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni jew ir-rikonsiderazzjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Iż-żmien ta' sitt xhur li timponi l-liġi ma jistax għalhekk jiġi mġebbed b'mod artifiċjali (ara ***Betty Mathew Anthony Mukkattu v. Kummissarju tat-Taxxi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 2024).

14. Minn dan kollu jitnissel li l-konvenuti PML u ATM kienu ilhom minn Mejju 2017 li ddeċidew li ma jitolbu ebda esproprjazzjoni mingħand l-Awtorità tal-Artijiet dwar l-art tal-attriċi, u dwar dan l-attriċi kienet infurmata. F'dak il-punt l-attriċi ma talbet ebda stħarriġ ġudizzjarju. Għadda ż-żmien u l-attriċi talbet mill-ġdid lill-istess konvenuti msemmija li jiddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom. Bl-ittri tas-17 ta' Mejju 2018, iż-żewġ konvenuti tennew li l-pożizzjoni tagħhom kienet baqgħet l-istess kif dikjarat sena qabel. Fis-17 ta' Mejju 2018 żdiedet biss proposta (i.e. li ssir l-esproprjazzjoni kemm-il darba l-attriċi taċċetta li ma jitħallas ebda kumpens), li però ma tikkostitwix «deċiżjoni» billi min-natura tagħha ma kinitx vinkolanti iżda saret biss bil-għan li jiġi propost ftehim. Bħala tali, setgħet tiġi rifjutata mill-attriċi, kif fil-fatt seħħ, u dak il-karattru tagħha huwa determinanti sabiex ma titqiesx «għemil amministrattiv».

15. Għalhekk it-talbiet tal-attriċi jfallu. Ifallu għaliex huma diretti kontra l-ittri tas-17 ta' Mejju 2018, li però m'humiex «għemil amministrattiv» billi d-deċiżjoni amministrattiva li minnha tilmenta l-attriċi ttieħdet sena qabel. Ifallu wkoll kieku t-talbiet tal-attriċi kellhom jitqiesu – fl-aħjar ipoteżi għaliha – li jinkludu l-istħarriġ ġudizzjarju ta' dak deċiż mill-konvenuti ATM u PML f'Mejju 2017 billi l-azzjoni tiġi perenta.

16. Għalhekk l-eżami tal-Qorti jieqaf hawnhekk.

44. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità tal-Artijiet u konsegwentement teħlisha mill-osservanza tal-ġudizzju;

(ii) tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta Projects Malta Limited, kif ukoll ir-raba' eċċezzjoni u l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta;

(iii) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Projects Malta Limited u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta billi ssib li l-ittri tas-17 ta' Mejju 2018 ma jammontawx għal «deċiżjoni» imma huma biss ittri li fihom l-imsemmija konvenuti tennew dak deċiż minnhom f'Mejju tas-sena 2017;

(iv) tilqa' wkoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Projects Malta Limited u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta sa fejn it-talbiet tal-attriċi jistgħu jinftehmu bħala impunjazzjoni ta' dak deċiż mill-istess konvenuti f'Mejju tas-sena 2017;

(v) tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi;

(vi) tordna li l-ispejjeż tal-Awtorità tal-Artijiet tħallashom l-attriċi, filwaqt li l-ispejjeż rimanenti tal-kawża jinqasmu in kwantu għal kwint (1/5) ikunu sopportabbli mill-konvenuti Projects Malta Limited u Awtorità għat-Trasport f'Malta u in kwantu għar-rimanenti erba' kwinti (4/5) mill-attriċi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur